# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 26 ta' Frar 2016**

**Kawża Nru: 9**

**Ċitazzjoni Nru: 139/ 05 JA**

**A B f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri C u D aħwa B**

**-vs-**

**E B**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta' Mejju 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi l-kontendenti żżewġu f'Malta fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tmenin (1988) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġt itfal, u ċjoe' C, imwieled fit-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija u disgħin (1990)

u D mwielda fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni.

U illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi, swat, minaċċi, u nġurji gravi kommessi kontra l-esponenti minn żewġha l-konvenut u minħabba li l-ħajja matrimonjali tfarrket irrimedjabbilment.

U illi l-esponenti ottjeniet l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tipproċedi f'din l-istanza minn din l-Onorabbli b'Digriet tagħha stess esebit bħala Dok 'A'.

U illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti mogħtija fil kawża fl-ismijiet **"A B pro et noe v E B"** (deċiża fl-ewwel (l) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Ċit ___/____) *(omissis)* ġie regolat l-obbligu tal-konvenut ta' manteniment favur l-attriċi u wliedhom;

Għaldaqstant jgħid il-konvenut il-għalhiex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-konvenut ta' adulterju, sevizzi, eċċessi, swat, minaċċi, u nġurji gravi kommessi kontra l-esponenti kif fuq premess, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabbilment.

2) Taffidalha l-kura u kustodja tal-minuri C u D aħwa B salv l-aċċess tal-konvenut stabbilit f'dawk il-modalitajiet li jirrispekkjaw l-aħjar interessi tal-minuri.

3) Tillikwida l-ispejjeż inkorsi minnha għall-imsemmija minuri waqt il-proċeduri sad-data tas-sentenza u tordna lill-konvenut iħallasha sehmu mill-imsemmija spejjeż.

4) Teżerċita d-diskrezzjoni tagħha skond il-Liġi u tordna lill-konvenut sabiex iħallasha minflok manteniment lilha dovut skond il-Liġi somma kapitali jew tassenjalha drittijiet reali fuq id-dar matrimonjali, okkorrendo permezz ta' awment tal-manteniment tagħha skond il-Liġi;

5) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet illi jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-istess konvenut, liema porzjonijiet għandhom jiġu komposti billi tiġi stabbilita data bħala d-data meta l-konvenut jiġi kkonsidrat li jkun ħati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd għal kull akkwist magħmul bil-ħila tal-attriċi skond il-Liġi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relativ u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess art.

6) Tapplika kontra żewġha interament jew in parti id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48 u / jew 50 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16 1984 Ed. tal- Liġijiet ta' Malta);

7) Tordna lill-istess konvenut sabiex iħallas jew jikkonsenja lill-attriċi skond il-każ il-krediti u proprjetá parafernali u dotali tagħha.

8) Tawtorizza lill-istess attriċi sabiex tkompli tabita fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut u tordna lill-konvenut sabiex jivvaka d-dar matrimonjali fi żmien perentorju lilu mogħti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt minn issa stess għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet inkludenti kontro-talba preżentati mill-konvenut fit-3 ta' Novembru 2005, fejn ġie eċċepit u premess:

1. Illi l-esponenti jaqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti iżda mhux għar-raġunijiet mogħtija mill-attriċi u għalhekk qiegħed jipproċedi permezz tas-segwenti kontro-talba;

2. Illi l-esponenti jaqbel li għandha tigi pronunzjata separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet pero' mhux għar-raġunijiet li jistgħu jiġu imputati lilu *stante* li għat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti hija biss responsabbli l-attriċi li rrendiet ruħha ħatja kontra l-eċċipjent żewġha ta' sevizzi, eċċessi, minaċċi u nġurji gravi b'mod li rrendiet impossibbli l-ħajja konjugali ta' bejniethom, u kif ukoll peress li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

3. Illi esponent jeċċepixxi li l-kura u kustodja tal-minuri C u D għandha tibqa' konġunta b'dan li l-eċċipjent ikollu dritt ta' aċċess ampju versu ż-żewġ minuri;

4. Illi t-tielet talba għandha tiġi miċħuda *stante* li l-esponent qed iħallas manteniment lil martu ta' mitejn Lira Maltin (Lm 200) fix-xahar bħala retta alimentarja għall-attriċi u għaż-żewġt itfal kif ġie kannonizżat fis-sentenza fl-ismijiet **"A B pro et noe vs E B"** (Ċit. Nru. ___/____ RCP) *(omissis)* deċiża fl-1 ta' Ottubru 2003;

5. Illi r-raba' talba għandha tigi miċħuda *stante* li parti mill-manteniment imħallas mill-eċċipjent huwa intiż bħala manteniment għall-attriċi personalment, ma kienx hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-esponent li jimmeritaw awment fil-manteniment tal-attriċi kif ukoll peress li l-attriċi ddekadiet mid-dritt tagħha li titlob manteniment

għaliha personalment kif ser jirriżulta aħjar tul il-mori tal-kawża;

6. Illi l-ħames talba taċ-ċitazzjoni attriċi m' hijiex opposta limitatament għal dak li jirrigwarda x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi t-talba tal-attriċi li l-konvenut ma jitqisx intitolat għall-akkwisti magħmula bix-xogħol tal-attriċi wara data li għandha tiġi stabbilita minn dina l-OnorabbIi Qorti għandha tiġi miċħuda;

7. Illi s-sitt talba għandha tiġi miċħuda *stante* li għat-tkissir taż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti hija responsabbli unikament l-attriċi;

8. Illi s-seba' talba għandha tiġi miċħuda peress li l-eċċipjent ma għandu ebda' proprjetá parafernali jew dotali tal-attriċi u l-attriċi ma għandha ebda' kreditu parafernali kontrih;

9. Illi t-tmien talba għandha tiġi miċħuda *stante* li ma jeżistux raġunijiet li jiġġustifikaw l-esklużjoni tal-eċċipjent mid-dar matrimonjali;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha ppremetta:

Illi l-kontendenti żżewġu fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru tas-sena elf disa mija u tmienja u tmenin (1988), u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, C ta' ħmistax (15) il-sena u D ta' tlettax (13) il-sena;

Illi l-attriċi rrendiet ruħha ħatja fil-konfront tal-konvenut ta' eċċessi, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi u ħtija ta' dan il-ħajja konjugali ta' bejniethom m'għadhiex aktar possibbli;

Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati jipproċedu għas-separazzjoni personali skond digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) liema digriet jinsabu esebiti annessi maċ-ċitazzjoni u markat bħala Dok 'A', u l-konvenut ġie b' effett tal-istess digriet u bl-operazzjoni ta' Artikolu 37(3) tal-Kodiċi Ċivili hu wkoll intitolat jippreżenta l-kontro-talba;

Tgħid għalhekk l-attriċi rikonvenuta għaliex, għar-raġunijiet premessi, m' għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja u tiddikara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijet gravi u tortijiet imputabbli lill-attriċi rikonvenuta, fosthom eċċessi, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi, u wkoll għaliex iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C u D f'idejn il-partijiet konġuntivament u tistabbilixxi li dritt ta' aċċess favur iż-żewġ partijiet;

3. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet prevja n-nomina ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-proprjetá formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwida l-assi eżistenti fl-istess komunjoni tal-akkwisti, liema porzjonijiet għandhom jiġu komposti billi tiġi stabbilita data meta l-attriċi rikonvenuta għandha tigi kkunsidrata li tkun ħatja tal-firda b' tali mod li l-attriċi rikonvenzjonata titlef kull jedd għall-kull akkwist magħmul bil-ħila tal-konvenut, u tassenja n-nofs indiviż tal-imsemmija assi lil kull wieħed mill-partijiet bin-nomina ta' nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att;

4. Tillikwida l-assi parafernali tal-konvenut u tassenjahom lill-istess konvenut;

5. Tawtorizza lill-konvenut sabiex jabita fid-dar matrimonjali li hija proprjetá parafernali tal-konvenut ad esklużjoni tal-attriċi rikonvenuta u tordna lill-attriċi rikonvenuta sabiex tivvaka d-dar f'terminu perentorju;

6. Tapplika kontra l-attriċi rikonvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodiċi Ċivili;

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi rikonvenuta li hi minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom dawk tagħhom stess;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Frar 2006 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Noel Bartolo bħala perit legali;

Sussegwentement rat il-verbali tas-seduti miżmuma u r-rapport tal-istess perit legali debitament maħluf;

Semgħet ix-xhieda dwar rikorsi preżentati fil-mori tal-kawża;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha fosthom dawk rigwardanti manteniment pagabbli mill-konvenut;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attriċi. Rat li għalkemm il-konvenut ingħata terminu sabiex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet għażel li jipprevalix ruħu minn din il-fakoltá;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Frar 2016.

**Ikkunsidrat:**
Illi kif ġja’ ngħad ir-rikorrenti qed titlob s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat. Min-naħa tiegħu, l-intimat b’kontro-talba qed jitlob l-firda personali minħabba l-aġir tar-rikorrenti. Għalkemm il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw, huma iżda jwaħħlu f’xulxin għal dan. Il-kawża kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta’ xulxin.

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom żewġt itfal, illum maġġorenni.

**RESPONSABBILITA` GĦAS-SEPARAZZJONI**
Illi kif ġja’ ngħad il-partijiet iwaħħlu f’xulxin għat-tifrik taż-żwieġ.

Illi l-Perit Legali jissolleva s-segwenti punti ewlenin mix-xhieda **attriċi** li jikkonsistu prinċipalment fl-*affidavits* tagħha, ta’ ommha, F G, ħuha, H G u martu I G.

i) Il-partijiet iltaqgħu meta l-attriċi kellha 15-il sena. Bdew joħorġu flimkien fin-1983. Damu għarajjes xi 5 snin. E kellu biċċa art u wara xi żmien bnewha. Hi waqfet mill-iskola u marret taħdem f’fabbrika biex tgħin finanzjarjament fil-bini tad-dar. Huma żżewġu fl-__ ta’ _________________ *(omissis).* L-ewwel 11-il sena żwieġ kienu normali. Fit-__ ta’ __________________ *(omissis_* kellhom l-ewwel tarbija C u fl-__ ta’ ____________________ *(omissis)* kellhom it-tieni wild D.

ii) Problema li tilmenta minna l-attriċi hi li l-konvenut kien iżomm lura magħhom fil-flus. Hu jħobb il-kaċċa u kien jonfoq ħafna flus f’dan id-delizzju. Kien ukoll iħobb ix-

xorb u kien spiss jieqaf jixrob hu u sejjer lura d-dar. L-affarijiet baqgħu sejrin hekk sakemm fin-1997 saru jafu lil ġara tagħhom, J K, u wara xi sena l-attriċi ma reditx tibqa' aktar in kuntatt ma din il-ġara u ħassret kull kuntatt. Il-konvenut beda jgerger li ma kenux qed joħorgu aktar ma' din il-ġara J u żewġha. Xi żmien wara l-attriċi sabet ittra ndirizzata lil żewġha mingħand din J fejn qaltlu li kienet qed timmissjah.

iii) F'Awissu 1998 sabet lil żewġha jċempel lil J minn Telephone Box fejn hi għarfet in-numru ta' J. Fin-1999 l-attriċi bdiet tara lill-konvenut differenti. Kien hemm li bdiet tirċievi ħafna telefonati anonimi tant li nvolviet lill-Pulizija. Beda jinqala' disgwid bejn il-koppja għax l-attriċi ma kenitx tkun taf fejn ikun il-konvenut. Meta kienu joħorġu bħala familja kien jixrob u jisker.

iv) Fil-festa tal-___________ *(omissis)* tat-2002 E mar il-marċ fejn hemmhekk kien qed jitkellem ma' J ħdejn il-bar. F'Lulju 2002 sabitlu tanga fil-vann u meta affrontatu qalilha li ma kellux aktar imħabba għaliha u li se jibda joħroġ waħdu kull nhar ta' Ġimgħa. Fit-18 ta' Awissu 2002 sabitlu numru ta' messaġġi provokattivi mingħand J u x'ħin induna qam argument u l-għada hu ħallielha ittra Dok 'GM2' fejn qalilha li kien spiċċa kollox. F'Ottubru 2002 beda jmur għand J u beda anke jorqod għandha. Minn hemm bdew sensiela ta' vendikazzjonijiet.

v) Bħala manteniment kien itiha Lm200 fix-xahar li ma kienux biżżejjed u ġieli kellha titlob flus lil ommha jew mingħand in-nies. Peress li kien iħalliha nieqsa mill-flus hija kellha tipproċedi b'kawża biex jiġi ffissat il-manteniment u b'sentenza tal-1 t'Ottubru 2003 Ċit Nru ___/__RCP*(omissis)* il-Qorti stabbiliet manteniment ta' Lm 200 fix-xahar.

vi) Tgħid li għandha porzjon indiviża ta' għalqa li hija parafernali tagħha għax ġejja mill-wirt ta' missierha. Din l-għalqa l-konvenut jużaha għall-kaċċa u l-attriċi trid li ma jibqax jużaha. Tgħid ukoll li hi għandha krediti għall-infiq fid-dar matrimonjali.

Illi **l-konvenut** min-naħa tiegħu fl-*affidavit* esebit a fol. 73 tal-proċess jgħid is-segwenti:

i. L-inkwiet beda madwar is-sena 2002 meta l-mara daħħlet suspett li hu kien qiegħed mal-ġara tagħhom – ħabiba tal-qalb tiegħu u tal-familja tiegħu minn mindu kienu tfal. Hija kienet tistaqsih siegħa b'siegħa fejn kien, tfittex fil-kartiera u l-vann ecc. u minn hemm jibda l-ġlied. Bħalma hi kienet tmur il-*coffee morning* hu ried li darba fil-ġimgħa jiltaqa' ma' sħabu jieħdu flixkun birra. Ma kenux jaqblu fuq il-postijiet ta' divertiment għax hi tħobb tmur fejn tiekol mentri hu kien iħobb naqra mużika u żfin. Lil din il-ġara l-attriċi saret ma tistax għaliha u x'ħin din sabitlu xogħol biex iqassam xi prodotti tal-ikel aktar qam ġlied għax hu kien iċemplilha għall-ordnijiet. Sakemm spiċċaw hu jorqod għalih fid-dar.

ii. L-attriċi tagħmel minn kollox biex tbiegħdu minn mat-tfal u kemm ilhom bil-problemi matrimonjali t-tfal ma baqgħux l-istess miegħu. Huwa jħallas manteniment ta' Lm200 fix-xahar skont sentenza tal-Qorti. Il-mara tiegħu toħroġ filgħodu u ġieli anke filgħaxija u żżomm ruħha u tmur tagħmel xagħarha. L-attriċi kienet taħdem bħala *cleaner* mal-familja Penza.

iii. Id-dar matrimonjali hija proprjetá parafernali tiegħu[1]. Permezz ta' self mal-HSBC fis-sena 2002 il-partijiet issellfu Lm 6,000 biex iħallsu l-kuntratturi u ħaddiema

1 Vide fol. 122 *et seq* Dok. A – kuntratt bejn Lay Lay Co Ltd u E B tat-22.12.1983 fejn E B akkwista biċċa art ġol-Fgura fejn eventwalment inbniet id-dar konjugali.

biex ilestu l-alterazzjonijiet fil-bini tal-fond fil-________[2] *(omissis)*. Il-mara ġabet biss *main bedroom* li huwa rigal tat-tieġ mingħand ommha. L-art fejn inbniet id-dar kienet tiegħu qabel ma ltaqa' mal-attriċi u d-dar inbniet qabel iżżewġu.

iv. Id-dgħajsa __ M ___ *(omissis)* hija tiegħu u ta' ħuh L bin-nofs. Meta kien ġuvni kien ordna l-*hull* u ramawha hu u ħuh kemm qabel u matul iż-żwieġ. Il-magna kienet ġja' għandu qabel iż-żwieġ għax kienet ta' dgħajsa oħra filwaqt li l-magna l-oħra ġiet bi tpartit.

v. Bħala dejn mal-Bank jgħid li dejjem hu ħallsu. Flus il-bank jgħid li l-mara ġibdet Lm1,500. Hemm żewġ karozzi: Hyundai tużaha l-mara, u vann Nissan jużah hu.

Illi fl-*affidavit* ulterjuri tiegħu a fol 153 *et seq*, il-konvenut ikompli jgħid illi meta ltaqa' ma' A kellu ġja' l-post nofsu mibni u kien lest qabel it-tieġ. A ħarġet taħdem għax riedet hi u hu ma kellux bżonn għajnuna għall-post. Jgħid li hi nefqet flusha fit-tieġ u fil-libsa tat-tieġ. Jinnega li hu qatt xtara ħwejjeġ għalih. Jgħid li kien ilu ħabib ma' J minn mindu kienu żgħar u kien iċempel minn barra d-dar għax A ma kinitx tħallih iċempel mid-dar. Jgħid li hu kien iqassam *crisps* ġol-ħwienet u J sabitlu ħafna ħwienet għax-xogħol. Lill-familja dejjem baqa' joħroġhom kull nhar ta' Sibt jieklu u qatt ma naqashom f'xejn. L-istorja tat-tanga jgħid li dak kienet malja tal-għawm li kien iżomm fil-vann biex meta jrid jgħum. Jgħid li kollox kien spiċċa għax hu ma felaħx aktar martu xxommlu l-ħwejjeġ ta' taħt u ħafna mistoqsijiet x'ħin jidħol id-dar. Jgħid li hu d-dar baqa' joqgħod u dejjem hemm raqad. Jgħid li martu għamlet sena u nofs torqod għand ommha bit-tfal. Rigward is-safra jgħid li hu kien mar l-Ingilterra għax stiednu sieħbu, M u qagħad għandu. Jgħid li anke martu siefret bit-tfal u darba marret *cruise* u lanqas qaltlu. Jgħid li żbankat Lm

2 Vide kuntratt ta' self a fol 127.

1,500 mill-Bank u poġġiethom fuq ommha. Iż-żewġt itfal jaħdmu. Jgħid li hu ma ħallas xejn għat-tieġ għax ma riedx jagħmel tieġ biex jiffrankaw il-flus, imma la familtha riedu u anke jagħmlu tieġ kbir kien affari tagħhom. Jgħid li hu t-tfal dejjem ħa ħsiebhom u anke jmur għalihom l-iskola. Meta kienu l-isptar għamel ġranet sħaħ magħhom. Jgħid li A ma kinitx toqgħod minuta mingħajr ommha u l-inkwiet kien ġej anke minħabba l-indħil t'ommha.

Illi l-konvenut in subizzjoni jikkonferma li l-ittra Dok 'GM2' (fol 25) kitibha hu għax ma setgħux ikomplu. In kontro-eżami jgħid li wara li kiteb din l-ittra hu ħass li seta' jgħix ta' ġuvni. Jikkonferma wkoll li darba minnhom kien qaċċat il-*fuse* tad-dawl għax l-attriċi ma riditx tħallas il-kont tad-dawl miegħu. Dwar J K jgħid li hija ħabiba tiegħu. Jgħid li ġieli mar id-dar tagħha. J hija separata minn żewġha. Jgħid li jista' jkun li martu wrietu li kellha suspett fuqu u J. Ġieli ħareġ tard mid-dar tagħha f'xi l-11:00pm. In kontro-eżami l-konvenut jgħid li A kienet sellfitu flus biex jagħmel xibka tas-soqfa tad-dar. Kellu żewġ soqfa u x-xibka kienet Lm300 kull saqaf. Apparti l-flus fuq ix-xbieki A kienet ħarġet ukoll xi ħaġa fuq l-*aluminium.* Il-bibien interni saru wara ż-żwieġ u jiswew Lm150 kull wieħed – kien hemm 3 b'kollox. Il-poġġaman ukoll wara ż-żwieġ xi Lm400 u t-taraġ tal-granit ukoll sar wara ż-żwieġ u sewa madwar Lm700.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza speċifikament għall-paġna 11 tar-rapport tal-perit legali (fol 441):

*"Dan premess u kkunsidrat, l-esponent hu tal-fehma illi t-talba tal-attriċi għall-pronunzjament ta' separazzjoni personali u dik rikovenzjonali tal-konvenut għandhom jiġu milqugħa limitatament b'mod li t-tort ikun attribwibbli l-aktar lill-konvenut li huwa ħati ta' sevizzi u nġurji gravi prattikati minnu kontra martu l-attriċi u biss sekondarjament tort tal-attriċi li kkontribwiet biex iż-żwieġ jitfarrak irrevokabbilment.*

*B'hekk fil-konfront tal-konvenut għandhom japplikaw. Il-komminazzjonijiet previsti fl-artikolu 48(1)(a), (b) u (d) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li fil-konfront tal-attriċi għandhom japplikaw il-komminazzjonijiet previsti fl-artikolu 48(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Illi l-attriċi ma taqbilx mall-konklużjonijiet tal-Perit Legali dwar l-assenjazzjoni tal-ħtija prinċipalment kif ġej:

*"Illi konsegwentement l-esponenti umilment tħoss u tissottometti li hemm biżżejjed provi ċirkostanzjali li jippruvaw l-adulterju da parti tal-konvenut. Ċertament, kif ikkonkluda l-Perit Legali 'l-attitudni tal-konvenut u l-ħbiberija ma' din J jekk xejn jammontaw żgura għal inġurji gravi.' Din l-inġurja gravissima, waħedha tiġġustifika li l-ħtija kollha tat-tifrik taż-żwieġ tiġi attribwita interament lill-konvenut.*

*Illi anki l-ittra miktuba mill-konvenut lill-esponenti li għalih spiċċat l-imħabba għaliha u d-dikjarazzjoni li jitħassar biss lit-tifel hija nġurja gravi li trendi l-ħajja matrimonjali impossibbli."* (fol 931)

Illi *inoltre* dwar l-assenjazzjoni ta' parti mill-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ lill-attriċi, l-istess attriċi tissottometti (fol 932) illi fil-fatt il-konvenut ma ppruvax l-eċċessi u s-sevizzi da parti tal-attriċi. Mill-affidavits tal-konvenut u ta' ħutu, kif ukoll ix-xhieda in kontro-eżami tal-konvenut ma jirriżulta minn imkien li kien hemm indħil mill-familja tal-esponenti li jsemmi l-Perit Legali. Lanqas jirriżulta xi aġir li b'xi mod iwassal għal eċċessi, sevizzi u nġurji. Anke jekk stess din l-Onorabbli Qorti ma jkollhiex il-konvinċiment morali li l-konvenut ikkommetta adulterju, ma tistax tagħti tort lill-esponenti li kien hemm lok għal suspetti ta' infedeltá da parti tal-konvenut u għalhekk il-fatt li addebitat dan it-tort lill-konvenut ma jammontax għal inġurja gravi. Għaldaqstant l-attriċi

tikkontendi illi hija m'għandhiex titqies b'xi mod responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ.

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti kollha proċesswali, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba inkompatibilita' ċara ta' karattru u l-mod ħażin kif huma indirizzaw il-problemi li feġġew matul iż-żwieġ. Id-depożizzjonijiet ċitati jindikaw sewwa l-problemi li kellhom il-partijiet.

Illi għaldaqstant il-Qorti tħoss li sa ċertu punt l-partijiet t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** deċiża mill-Prim Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

Illi madanakollu l-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali li l-problemi fiż-żwieġ bejn il-partijiet komplew jikbru meta l-attur beda jiffrekwenta lill-persuna msemmija fir-relazzjoni peritali u għalhekk għalkemm kif irrelatat l-istess Perit Legali, ma hemmx prova konklussiva ta' adulterju, dan irendi lill-konvenut ċertament ħati ta' nġurji gravi skond il-liġi, u kwindi l-Qorti se takkolla lill-istess konvenut ir-responsabbilita' għat tkissir taż-żwieġ għaliex kien ċertament l-atteġġjament tiegħu li kien fundamentali f'dan kollu. Dan naturalment imbagħad ikun ukoll rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**KURA U KUSTODJA**

Illi peress illi t-tfal huma t-tnejn maġġorenni ma għadx baqa' l-ħtieġa li l-Qorti tippronunzja ruħha f'dan ir-rigward.

**MANTENIMENT**

Illi dwar il-manteniment tat-tfal din il-Qorti kienet ġja' pprovdiet billi mis-somma oriġinali ta' manteniment akkordata

permezz tas-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2003 (Ċit Nru __/__RCP) *(omissis)* (fol 131) naqset permezz ta' żewġ digrieti separati l-manteniment dovut għat-tfal. Fis-sens illi permezz tal-ewwel digriet datat 3 ta' Ottubru 2008 (fol 121), il-Qorti ordnat li l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għaliha u għat-tfal jonqos għal €400 fix-xahar *stante* li t-tifel, C, kien sar maġġorenni; u permezz ta' digriet ieħor datat 6 ta' Settembru 2010, il-Qorti naqqset il-manteniment dovut mill-konvenut għat-tifla, D (fol 187).

Illi għalhekk għall-finijiet odjerni dan il-kap japplika limitatment għat-talba ta' manteniment tal-attriċi għaliha stess. Issa l-Qorti tinnota illi l-Perit Legali rriskontra problema fis-sens illi kellu jistabbilixxi l-*quantum* ta' manteniment spettanti lill-attriċi weħidha, u dana peress illi l-Qorti oriġinarjament kienet pprefiġġiet ammont globali ta' mantemiment għall-attriċi flimkien mat-tfal li dak iż-żmien kienu għadhom minorenni. Il-Perit Legali f'paġna 15 (fol 445) tar-rapport peritali jirrileva illi l-ammont ta' manteniment ġie stabbilit b'effett tas-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2003 (Ċit ___/__RCP) *(omissis)* (fol 131) fejn il-Qorti llikwidat il-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għaliha u għal uliedha fis-somma ta' €465.87 fix-xahar. Iżda f'din is-sentenza ma ġiex indikat kemm minn dak l-ammont kien pagabbli għall-attriċi personalment għaliha u kemm kien għat-tfal. Fil-mori ta' din il-kawża din il-Qorti naqqset il-manteniment għal €400 fix-xahar meta sar maġġorenni C (ossia naqqset €65.87) u sussegwentement permezz ta' digriet ieħor tas-6 ta' Settembru 2010 (fol 187) laqgħet it-talba tal-konvenut sabiex jitnaqqas il-manteniment dovut għat-tifla, D *stante* li laħqet l-etá maġġorenni b'dan illi m'hemmx indikat kemm huwa l-ammont li ġie ridott. Il-Perit Legali addotata l-istess sistema adoperata mill-Qorti meta naqset il-manteniment dovut meta t-tifel tal-partijiet sar maġġorenni b'dan illi għamel riduzzjoni oħra ta' €65.87 meta t-tifla ukoll saret maġġorenni għall-ammont ta' €334.13. Il-ħsieb tal-Perit Legali hu fis-sens illi l-

ammont huwa kanoniżżat b'sentenza u mill-assjem tal-provi f'din il-kawża ma kien hemm xejn li seta' wassal lill-Perit Legali jikkonkludi li dan il-manteniment seta' b'xi mod jinbidel jew jitneħħa. Għalhekk il-Perit Legali hu tal-fehma illi l-konvenut huwa obbligat iħallas manteniment lill-attriċi fis-somma ta' €334.13 fix-xahar ossia l-manteniment deċiż fis-sentenza sudetta tal-1 ta' Ottubru 2003 (Ċit. ___/__RCP) *(omissis)* (fol 131) li minnha ġie mnaqqas is-sehem tal-ulied skont il-komputazzjoni adoperata minn din il-Qorti.

Illi f'dan ir-rigward l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (fol 934-935) tirrileva illi l-kwistjoni tal-manteniment ġiet deċiża permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta wara preżentazzjoni ta' ċitazzjoni *ad hoc* (Ċit ___/__) *(omissis).* Din is-sentenza ngħatat fl-1 ta' Ottubru 2003 u ma ġietx appellata u għalhekk hija *res iudicata.* Illi fil-proċeduri odjerni ma saritx talba għal-likwidazzjoni / riduzzjoni / apporzjonament ta' manteniment, iżda saru biss is-segwenti talbiet:

*"4. Tillikwida l-ispejjeż inkorsi minnha għall-imsemmija minuri waqt il-proċeduri tas-sentenza u tordna lill-konvenut iħallasha sehmu mill-imsemmija spejjeż.*

*5. Teżerċita d-diskrezzjoni tagħha skont il-Liġi u tordna sabiex minflok manteniment lilha dovut skont il-Liġi somma kapitali jew tassenjalha drittijiet reali fuq id-dar matrimonjali okkorendo permezz ta' ammont tal-manteniment skont il-Liġi."*

Illi *inoltre* l-attriċi tissottometti illi l-kontro-talba ma tikkontjeni l-ebda talba relattiva għar-reviżjoni tal-manteniment iffissat permezz tas-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2003. Għalhekk l-attriċi tissottometti li l-Qorti ma għandhiex is-setgħa jew il-kompetenza li tagħmel dan u għaldaqstant is-

sentenza tal-1 ta’ Ottubru 2003 għadha applikabbli hekk kif ingħatat mingħajr reviżjonijiet. L-attriċi tikkontendi illi ladarba la fiċ-ċitazzjoni tal-attriċi u lanqas fil-kontro-talba tal-konvenut ma kien hemm talba għall-apporzjonament tal-manteniment globali (fil-porzjon pagabbli għall-mara u porzjon applikabbli għall-ulied) illikwidat fis-sentenza tal-1 ta’ Ottubru 2003, din il-Qorti ma tistax tagħmel apporzjonament, għaliex dan imur lil hinn minn dak mitlub mill-Qorti f’dawn il-proċeduri.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-argumentazzjonijiet miġjuba mill-Perit Legali u mill-partijiet f’dan ir-rigward. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-Perit Legali kien korrett fl-apprezzament tiegħu u min-naħa tagħha l-attriċi ma ħadet ebda azzjoni ġudizzjarja sabiex timpjuna d-digrieti li bihom ġie ridott il-manteniment, u għaldaqstant tordna l-konvenut iħallas is-somma ta’ €334.13 fix-xahar. Tajjeb ukoll wieħed japprezza li sentenzi fir-rigward ta’ manteniment jingħataw *rebus sic standibus* u allura l-prinċipji ta’ *res judicata* ma japplikawx għal dawn is-sentenzi jekk iċ-ċirkostanzi tal-partijiet rispettivi jinbidlu.

**ASSI MATRIMONJALI**

Illi l-perit legali f’paġna 8 tar-rapport tiegħu (fol 438) jirrileva illi l-partijiet kienu qablu kif ġej waqt is-seduta miżmuma fis-16 ta’ Jannar 2006, fejn ingħad illi:

(i). Id-dar matrimonjali hi parafernali tar-raġel. Il-mara pero’ tippretendi kreditu fuq id-dar.

(ii). L-attriċi għandha għalqa ______________ *(omissis)* li hi parafernali tagħha u l-konvenut jaqbel.

(iii). Bħala mobbli kellhom iħejju prospett pero’ fost dawn hemm dgħajsa li ma jaqblux meta nxtrat. Hemm żewġ vetturi vann tat-tip “Nissan” bin-numru tar-reġistrazzjoni “___ ___” *(omissis)* li jużah ir-ragel u reġistrat f’ismu, u

vettura tat-tip "Hyundai Accent" bin-numru tar-reġistrazzjoni "___ ___" *(omissis)* li tużaha l-mara imma reġistrata fuq ir-raġel.

Illi in kontro-eżami l-konvenut jgħid li A kienet sellfitlu flus biex jagħmel ix-xibka tas-soqfa tad-dar. Kellu żewġ soqfa u x-xibka kienet Lm300 kull saqaf. Apparti l-flus fuq ix-xbieki A kienet ħarġet ukoll xi ħaġa fuq l-*aluminium.* Il-bibien interni saru wara ż-żwieġ u jiswew Lm150 kull wieħed – kien hemm 3 b'kollox. Il-poġġaman ukoll wara ż-żwieġ kien xi Lm400, u t-taraġ ukoll sara wara ż-żwieġ u sewa madwar Lm700.

Illi f'dan ir-rigward l-attriċi tissottometti (fol 932-943) kif ġej:

*"Illi rigward il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u krediti parafernali, l-esponenti taqbel ma' dak kontenut fir-rapport tal-Perit Legali ħlief għal dak li jikkonkludi dwar:*

- *Id-dgħajsa EE B 823;*

- *Il-fatt li ma għamilx provvediment għar-rifużjoni ta' dik il-parti tas-self li tħallset għall-alterazzjonijiet fil-bini tal-fond parafernali tiegħu fil-Fgura, tul iż-żwieġ.*

- *Assenjazzjoni tal-kontijiet bankarji."*

<u>Id-Dgħajsa</u>
Illi l-attriċi tissottometti illi kien jinkombi fuq il-konvenut jipprova illi d-dgħajsa nxtrat qabel id-data taż-żwieġ bejn il-partijiet, u ċjoe' l-24 ta' Diċembru 1988. Tgħid illi filwaqt illi l-konvenut ressaq dikjarazzjonijiet tiegħu stess u ta' ħuh, hija ressqet lil rappreżentant tad-Direttur tas-Sajd li xehed li s-sens tal-manifattura tad-dgħajsa kien imniżżel bħala *"new"* fis-sens 1990; kif ukoll lil N O tad-ditta "Crown Fibreglass" li qal li l-*hull* tad-dgħajsa nbniet fis-sena 1990. L-attriċi għalhekk tikkontendi li huwa assolutament inverosimili li l-konvenut

dam jistenna seba' snin biex jordna l-*hull* u jibda jbaħħar bid-dgħajsa. Għaldaqstant l-attriċi tissottometti li kuntrarjament għal dak li kkonkluda l-Perit Legali li din id-dgħajsa għandha titqies bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u kwindi għandha tiġi diviża bejn il-partijiet.

Pagamenti tal-*Loan* waqt iż-żwieġ

Illi rappreżentanti tal-*HSBC Bank plc* (dok. 'AG8-10') ikkonfermaw illi l-partijiet ħadu self ta' Lm6,000 biex iħallsu għall-ispejjeż relattivi għall-alterazzjonijiet fuq il-fond parafernali fil-Fgura. L-attriċi taqbel mal-Perit Legali fejn ikkonkluda illi dawn il-flus intużaw għal xogħlijiet u li għalhekk id-dejn għandu jiġi assenjat fl-intier lill-konvenut. Iżda l-attriċi tmur *oltre* u tgħid illi peress li dan is-self baqa' jitħallas tul iż-żwieġ minn fondi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti għalhekk il-konvenut għandu jirrifondi nofs il-pagamenti li saru mid-data tat-teħid tas-self, sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u jħallas lill-attriċi.

Assenjazzjoni tal-kontijiet bankarji

Ill l-attriċi tissottometti li l-fondi miżmuma fil-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet fil-bidu tal-proċeduri għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Id-dar matrimonjali**

Illi din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali kontenuti f'paġni 12 u 13 (fol 442-443) fejn prinċipalment ġie deċiż is-sewgenti:

(i). Illi d-dar matrimonjali nbniet fuq art parafernali tal-konvenut u dan huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet. *Inoltre* sa ma żżewġu d-dar matrimonjali kienet mibnija lesta kompluta bid-dawl u ilma, aperturi u *finished* ħlief il-bieb ta' barra, dan il-fatt ukoll ġie kkonfermat mill-attriċi in kontro-eżami.

(ii). Il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €1,455.85 in rifużjoni ta' nofs l-ispejjeż li l-attriċi kienet ħallset fuq id-dar matrimonjali a vantaġġ biss tal-konvenut fuq proprjetá parafernali tiegħu. Il-fatt illi l-attriċi kkontribwiet dawn il-flejjes ġie kkonfermat mill-konvenut in kontro-eżami.

(iii). It-talba tal-attriċi biex tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali m'għandhiex tiġi milqugħa *stante* li din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali illi ma jeżistux l-estremi biex din it-talba tintlaqa'.

**Għalqa f'_____________________ *(omissis)***
Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali (fol 443) illi jirriżulta mhux kontradett li din l-għalqa hi parafernali tal-attriċi u l-konvenut jaqbel ma' dan. Isegwi għalhekk illi din l-għalqa għandha tiġi dikjarata li hi parafernali tal-attriċi filwaqt li jiġi dikjarat li l-konvenut m'għandu ebda dritt jew titolu fuq l-istess.

**Il-fond __________________________ *(omissis)***
Illi l-konvenut permezz ta' nota a fol 200 jikkonferma li dan il-fond jappartjeni lill-attriċi bi sħab ma' ħuha *stante* illi ġej minn wirt. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali (fol 443) illi nofs sehem indiviż minn dan il-fond għandu jiġi dikjarat bħala parafernali tal-attriċi.

**Mobbli**
Illi l-Perit Legali rrileva illi l-partijiet naqsu milli jħejju prospett. Għaldaqstant mhuwiex possibbli sabiex isir assenzjazzjoni ta' dawn il-mobbli minn din il-Qorti, salv dak li ser jingħad dwar id-dgħajsa u l-vetturi.

**Id-Dgħajsa EE B 823**
Illi kif ġie rilevat aktar 'il fuq l-attriċi ma qablitx mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward. Il-Qorti fliet

iż-żewġ teżijiet imressqa mill-partijiet. Il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-attriċi a fol 933. Fl-ewwel lok mhijiex ċara xejn l-interpretazzjoni mressqa tax-xhieda ta' N O tad-ditta Crown Fibreglass. *Inoltre* l-kelma *"new"* fis-sena 1990 bħala s-sena tal-manifattura ġiet spjegata mid-Direttur tas-Sajd bħala li tfisser li d-dgħajsa qatt ma baħħret qabel pero' jista' jagħti l-każ li tkun inbniet qabel. Għaldaqstant il-Qorti tħoss li t-teżi tal-konvenut hija aktar verosimili li d-dgħajsa għandha tiġi ddikjarata bħala nofs sehem parafernali tiegħu u n-nofs sehem l-ieħor ta' ħu l-konvenut. Il-Qorti taqbel ukoll mal-konklużjoni ulterjuri tal-Perit Legali illi għalkemm peress li l-konvenut għamel xogħol fiha waqt iż-żwieġ kwindi jiskatta dritt ta' kumpens versu l-attriċi iżda hija naqset milli tesebixxi provi f'dan ir-rigward u għaldaqstant il-Qorti ma tistax tilqa' din it-talba attriċi.

**Vetturi**

Illi l-partijiet għandhom żewġ vetturi iżda li t-tnejn huma reġistrati fuq ir-raġel. Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali (a fol 444) illi l-vettura tat-tip vann Nissan ___ ___ *(omissis)* għandha tibqa' tintuża mill-konvenut mentri l-vettura tat-tip Hyundai Accent ___ ___ *(omissis)* għandha tiġi assenjata lill-attriċi.

**Kamra tas-sodda li tinsab fid-dar matrimonjali**

Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali (fol 444) li peress li mhuwiex kontradett bejn il-partijiet li dina l-għamara hija parafernali tal-attriċi u għalhekk għandha tiġi assenjata lilha.

**Kontijiet Bankarji**

Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali (fol 444) *in parte*. Din il-Qorti taqbel illi l-kontijiet *"joint"* għandhom jiġu diviżi ugwalment bejn il-partijiet. Dwar il-kontijiet intestati fl-ismijiet personali tal-partijiet, il-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi f'dan ir-

rigward u ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Perit Legali illi l-kontijiet bankarji f'isem l-attriċi għandhom jiġu assenjati lilha u dawk f'isem il-konvenut lilu. Iżda din il-Qorti hi tal-fehma illi l-flejjes miżmuma fil-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet fil-bidu tal-proċeduri wkoll għandhom jiġu diviżi ugwalment bejn il-partijiet.

**Self mal-Bank**

Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali (fol 444) *in parte*, fis-sens illi peress illi s-self ittieħed sabiex isiru xogħlijiet fuq proprjetá parafernali tal-konvenut, id-dejn għandu jiġi assenjat fl-intier tiegħu lill-konvenut. Iżda l-Qorti trid tikkunsidra l-punt rilevat mill-attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha illi s-self kien qed jitħallas tul iż-żwieġ minn fondi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut għandu jirrifondi nofs il-pagamenti li saru mid-data tat-teħid tas-self sad-datat tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u jħallas l-istess lill-attriċi. Dawn saru b'pagamenti ta' ċirka sittin lira maltin (€139.80) fix-xahar, u allura billi s-self ittieħed fl-2002, din il-Qorti qed tillikwida dan l-ammont fis-somma ta' €21,808; allura l-attriċi għandha tirċievi s-somma ta' nofs dan l-ammont u kwindi s-somma ta' €10,904.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi kwantu għat-talbiet attriċi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba għal-raġunijiet imputabbli lill-konvenut;**

2. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba;**

3. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba kif dedotta iżda tordna lill-konvenut jibqa' jħallas is-**

**somma ta' €334.13 fix-xahar lill-attriċi bħala manteniment;**

4. **Tiċħad ir-raba talba;**

5. **Tilqa' l-ħames talba kif ġja' msemmi, u dan billi kull parti tiġi assenjata l-proprjetá parafernali tagħha kif dejjem imsemmi (fil-parti tas-sentenza intestata "Assi Matrimonjali"), b'dan li l-konvenut għandu fi żmien xahrejn millum iħallas lill-attriċi s-somom ta' €10,904 u €1,455 għar-raġunijiet imsemmija; tordna li l-kontijiet kollha bankarji, bonds, ishma f'soċjetajiet kummerċjali jew istituzzjonijiet oħra f'isem il-partijiet waħedhom jew flimkien, jinqasmu bejn il-partijiet f'ishma ndaqs; il-vetturi msemmija jiġu assenjati kif ukoll ġja' msemmi;**

6. **Tilqa' s-sitt talba;**

7. **Tilqa' s-seba' talba kif ġja' msemmi;**

8. **Tiċħad it-tmien talba;**

**Illi fir-rigward tal-kontro-talba taqta' u tiddeċiedi billi:**

**Tiċħad it-talbiet tal-konvenut ħlief fejn kompatibbli tal-akkoljiment tat-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |